MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 641/2007

**Sicons Opto Malta Products Limited**

**Vs**

**Mosta Technopark Tenants Association**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Awissu 2009, fejn intalab sabiex l-Assoccjazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1,405.33c illum ekwivalenti ghal Euro3,273.54c rapprezentanti valur ta servizzi rezi bejn is-snin 2003 u 2006 kif spjegat fi prospett anness u markat Dok A.

Bl-ispejjes kontra l-assoccjazzjoni konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ikkunsidra,

Ra r-risposta tal-Assoccjazzjoni konvenuta datata 6 ta' Dicembru 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi (1) qatt ma kien hemm ftehim ghal biex jigu prestati tali servizzi u fil-fatt qatt ma kien inghata inakriku f'dan is-sens (2) Illi ghalhekk kwalunkwe xoghol li setghet ghamlet is-socjeta attrici kien bi buona grazia u minnghajr ftehim ta hlas tant illi l-konvenuta qatt ma kienet intalbet hlas (3) Minnghajr pregudizzju ghal premess illi l-ammont mitlub kien eccessiv b'rata fissata mis-socjeta attrici b'mod unilaterali u kwindi mhux gustifikata. Salve eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Illi ghalkemm il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali, rrizulta li ebda wahda minnhom ma dahhal l-imsemmija nota kif diretti.

Ikkunsidra.

Henry Borg id-direttur tas-socjeta attrici xehed li huwa kien waqqaf l-assocjazzjoni konvenuta u li dam chairman taghha mis-sena 2000 sas-sena 2006. Jafferma li kienu hemm ftehim fis-sens illi sabiex jigu minimizzati l-ispejjes, certu xoghol segretarjali mehtieg mill-assoccjazzjoni konvenuta kellu jigi esekwit mis-segretarja privata tieghu bil-patt u kondizzjoni li kwalunkwe spiza kellha tigi riimborsata minnghajr profitt. Ighid li bdew jahdmu b'din is-sistema u fil-fatt kienu qed jithallsu mill-assoccjazzjoni konvenuta l-kontijiet ta l-ispejjes li kienu qed jibghatulha. Pero dan sar sa certu zmien peress illi minn certu zmien iehor il-quddiem l-assoccjazzjoni bdiet tirrfjuta tali rimbors peress illi allegat li ma kienx hemm ftehim f'dan is-sens. L-ammont li qed jintalab ta l-ispejjes jinsabu ndikati fid-dokument esebit a fol 2 markat bhala Dok A. Giet esebita ukoll bhala Dok B estratt mill-minuti tal-Assoccjazzjoni. Minn dan id-dokument ix-xhud jafferma li ghandu jirrizulta li l-konvenuta kienet awtorizzat li x-xoghol klerikali kellu jsir minn nies imqabbda mid-direttur tas-socjeta attrici personalment. Fil-fatt hemm imnizzel testwalment li "**it was agreed that there was no need to have a fax but we should <u>continue</u> to use the Sicons service".** Minuti

ohra esebiti bhala Dok E isemmu li **“Mr Gatt was asked to apply for the Star Service in order to convert all incoming calls in the afternoon to Sicons”.**

Gew esebiti wkoll zewg invoices markati Dok C u Dok D li jirrigwardaw zewg invoices fuq xoghol simili ghal dawk li qed jintalbu fil-kawza odjerna liema kontijiet kienu thallsu mill-Assoccjazzjoni konvenuta minghajr ebda riservi. Dan ix-xhud esebixxa bhala Dok F u G estratt ta’ registru fejn hemm imnizzel on record il-korrispondenza skambjata f'isem l-assoccjazzjoni konvenuta. Esebixxa ukoll bhala Dok H u Dok I il-prospett u d-dettal tal-istess prospett tal-ammont mitlub f'din il-kawza. Ir-raguni moghtija mill-Assoccjazzjoni konvenuta il-ghala ma tridx thallas lill-attur tinsab kontenuta fl-ittra esebita mill-istess attur bhala Dok J. Fil-fatt kif rifless fir-risposta formali taghhom din l-ittra tal-konvenuti tallega li l-attur qatt ma kien gie awtorizzat jippresta tali servizzi ghal beneficcju taghhom.

In kontro-ezami dan ix-xhud ighid li originarjament il-ftehim tas-servizz kien sar bejnhu u bejn certu Frankie Gatt li dak iz-zmien kien il-Park Manager. Jinsisti li tali ftehim anke jirrizulta mill-estratt tal-minuti esebiti bhala Dok B u Dok E u kif ukoll mill-fatt li ghal certu zmien is-socjeta attrici kienet qed tithallas mill-Assoccjazzjoni konvenuta tal-invoices tal-ispejjes. Il-kontijiet kienu jintbghatu kull sentejn u huwa kien thallas tal-kont tas-sena 2001 u 2003. Baqa kwindi ma thallasx fuq il-kont mill-2004, 2005 u 2006. Jigi notat pero li fit-talba tas-socjeta attrici hemm inkluz ukoll is-servizzi allegatament prestati fis-sena 2003 filwaqt li ma hemmx inkluz tas-sena 2006. Il-hlas kien jinhareg mill-imsemmi Frankie Gatt. Skond direttiva tal-Assoccjazzjoni konvenuta. Fil-kontro-ezami baqa jinsisti li c-cheques numri 6 u 7 inhargu biex ikopru l-invoices Dok C u Dok D u mhux ghal xi hlas iehor.

Frank Gatt jikkonferma li kien hemm fethim li huwa, bhala manager tal-Assoccjazzjoni konvenuta, seta juza s-segretarja tad-direttur tas-socjeta attrici ghal xoghol tat-technopark. Huwa spjega t-tip ta xoghol li kienet tizvolgi din l-istess segretarja cioe fi ftit kliem xoghol normali klerikali. Bejn is-snin 2004 u 2006 kien fil-fatt gie esekwit

tali xoghol klerikali minnha. Ma jafx pero kif kien il-ftehim dwar hlasijiet ghal tali servizzi. Inkwilini ohra tat-Technonpark ukoll kienu jithallsu ghal xi xoghol li kienu jesekwixxi ghal beneficcju tal-assoccjazzjoni konvenuta u semma lil Megabyte u lil Datatrak bhala ezempji. In kontro-ezami jikkonferma li Tali inkwilini kienu jahdmu xi xoghol ghal beneficcju tal-Assocjazzjoni konvenuta bhala xoghol u kontra hlas u mhux bhala volontarjat.

Marisa Xuereb, ic-chairperson attwali tal-Assoccjazzjoni konvenuta affermat fix-xhieda taghha illi meta resqet it-talba ta hlas mis-socjeta attrici lill-istess assoccjazzjoni, l-membri taghha, nkluz xi whud li kienu ilhom hemm snin twali, irrifjutaw li jhallsu peress illi allegaw li ma kienx minnu li kien hemm ftehim ta’ hlas mas-socjeta attrici. Hija tafferma li c-cheques msemmija numru 6 u 7 f’Dok C u D kienu fil-fatt thallsu lill-atturi mill-konvenuta bhala riimbors ta spejjes maghmula mill-istess socjeta attrici u mhux daqstant ghal dawk l-invoices per se liema invoices tghid li baqghu ma nstabux. Hija tesebixxi l-istess cheques fl-imkien mar-reconciliation li saret fuqhom liema dokumenti b’kollox jinsabu markati Dok MX 1 sa Dok MX 12. Inoltre tghid li mir-ricerka li ghamlet ma kienx jirrizultalha li l-assoccjazzjoni qatt hallset lis-socjeta attrici ghal xoghol klerikali li allegatament ghamlet ghaliha. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta fll-fatt li s-socjeta attrici kienet tohrog certa spejjes minn butha a beneficcju tal-Assoccjazzjoni konvenuta u ta dan kienet tigi riimbursata pero ma jidhirx mill-istess li tali riimburs kien ghal xoghol klerikali kif allega fil-bidu r-rapprezentant tas-socjeta attrici.

L-istess xhud Marisa Xuereb in kontro-ezami tikkonferma li Frank Gatt kien il-Park Manager fis-snin in kwistjoni u kien jiehu hsieb x-xoghol amministrattiv ta’ kuljum in linea generali. Tafferma li ghandha f’idejha diversi dikjarazzjonijiet ta persuni li kienu membri fiz-zmien in kwistjoni li lkoll jikkonfermaw li s-socjeta attrici qatt ma pprestat servizzi ta natura klerikali lill-assoccjazzjoni konvenuta. Dawn id-dikjarazzjonijiet gew esebiti u markati Dok MXS 1 sa MXS 5.

In kontro-ezami dan ix-xhud jikkonferma li tnejn mill-persuni li rrilaxxjaw id-dikjarazzjonijiet hawn fuq indikati huma l-istess persuni u kienu prezenti ghal laqgha li ssir referenza ghaliha fid-dokument esebit a fol 24 tal-process. Minn ezami u komparazzjoni taz-zewg dokumenti jirrizulta li ghalkemm fid-dokumenti MXS qed jiddikjaraw li s-socjeta attrici qatt ma pprestat servizzi segretarjali, fid-dokument a fol 24 hemm konferma li gie miftiehem li l-Assoccjazzjoni kellha tkompli taghmel uzu mis-servizz provdut mis-Sicons almenu ghal fejn jirrigwarda l-Fax. Oltre dan it-Tribunal jikkummenta li apparti l-fatt li d-dikjarazzjonijiet in kwistjoni ma humiex guramentati, huwa jhossu daqsxejn xettiku dwar il-mod u manjiera kif gew redatti. Kollha bl-istess dicitura u tipa identika u ffirmati fl-istess jum. Jidher evidenti li d-dikjarazzjonijiet gew ippreparati minn qabel minn persuna wahda u prezentati lill-indikati hames persuni ghal firma. Inoltre l-istess xhud in kontro-ezami tafferma li ma kinietx qed tikkontesta il-veracita tal-kontenut li jinsab fid-dokument a fol 28 tal-process u tispjega li xtaqet li ticcara l-punt li hija qieghdha tafferma l-fatt mhux li s-socjeta ma rrendiet ebda servizz izda li ma rrendiet ebda servizz li kellha tithallas ghalih stante li se mai dan kien isir b’mod volontarju.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li bejn l-affermazzjoni u konteggi maghmula mis-socjeta attrici kif korroborata mix-xhud Frank Gatt u l-verzjoni tal-Assoccjazzjoni konvenuta kif espressa mic-chairperson attwali u sostenuta minn diversi membri li se mai kollox kien isir b’mod volontarju , l-verita tinsab x’imkien fin-nofs u cioe li s-socjeta attrici hija fil-fatt intitolata ghal certu xoghol u spiza ta natura klerikali li zborsat a beneficcju tal-Assoccjazzjoni konvenuta pero isib mhux kredibbli i l-kontegg kif mill-attur. Dana kollu apparti l-fatt li fit-talba tieghu kif sostenuta minn Dok A a fol 2 tal-process qed ifittex ghas-snin 2003, 2004 u 2005, filwaqt li fix-xhieda tieghu in kontro-ezami jghid li huwa gia kien thallas ghas-sena 2003 u baqa ma thallasx ghas-snin 2004, 2005 u 2006 ghalkemm f’din il-kawza ma hemmx talba ghas-sena 2006.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal isib bhala ragjonevolment gustifikati l-ispejjes elenkati f'Dok A a fol 2 tal-process mit-tieni linja 'l isfel filwaqt li ghar-rigward il-valur tas-servizz indikat fl-ewwel linja tal-istess document, dan it-Tribunal filwaqt li ser jaqta barra c-cifra mitluba ghas-sena 2003, stante li ex admissis minn Borg, dan jinsab gia mhallas, ir-rata li ser tigi applikata minn dan it-Tribunal arbitio buon viri ghas-snin 2004 u 2005 ser tkun dik ta Lm150 flok Lm470.88c. Illi ghalhekk skond l-ammont hekk likwidat jigi li L-Assoccjazzjoni konvenuta ser ikollha thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta Lm481.05c illum ekwivalenti ghal Euro1,120.55c

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa in parte t-tielet eccezzjoni sollevata mill-Assoccjazzjoni konvenuta u ghalhekk filwaqt li jiddikjara li l-istess Assoccjazzjoni konvenuta hija responsabbli ghal hlas ta' servizz lilha rezi mis-socjeta attrici, jillikwida l-valur ta l-istess servizzi fl-ammont ta' Lm481.05c, ekwivalenti ghal €1,120.55c (elf, mija u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmi), u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-Assoccjazzjoni konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma hekk likwidata fl-ammont ta' Euro1,120.55c bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u in vista tal-premess jigi dikjarat li l-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------